



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.9.2020
COM(2020) 581 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

L-Unjoni Doganali tittieħed għall-Livell li Jmiss: Pjan ta' Azzjoni

I. Introduzzjoni

Fl-Unjoni Doganali tal-UE, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-UE huma responsabbli għat-twettiq ta' firxa wiesgħa ta' kontrolli qabel ma l-merkanzija tidħol f'ċirkolazzjoni libera fit-territorju doganali tal-UE, bl-għan li jipproteġu kemm id-dħul tal-UE u s-sikurezza u s-sigurtà, kif ukoll is-saħħa u l-prosperità taċ-ċittadini u n-negozji tal-UE.

F'dawn l-aħħar snin, ħareġ biċ-ċar li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri qegħdin jitħabtu mal-isfidi fit-twettiq tad-diversi rwoli tagħhom. Minkejja modernizzazzjoni kbira fil-leġislazzjoni doganali tal-UE fl-2016, hemm evidenza ta' problemi bħas-sottovalutazzjoni tal-merkanzija biex jiġu evitati d-dazji doganali u l-VAT¹, u l-kuntrabandu ta' merkanzija illeċita jew mhux sikura. Hemm ukoll tħassib dwar l-iżbilanċi bejn l-Istati Membri fil-kontrolli doganali u dwar id-devjazzjoni tal-merkanzija lejn l-aktar punti dgħajfa tad-dħul u tal-ħruġ fit-territorju doganali tal-UE biex tiġi evitata d-detezzjoni. F'dinja li qed tinbidel malajr, bl-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali u b'mudelli kummerċjali ġodda bħall-kummerċ elettroniku, żdiedu l-isfidi li d-dwana tiffaċċja fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet. Fl-istess ħin, id-dwana jeħtiġilha dejjem tipprova tiżgura li l-kummerċ leġittimu jista' jibbenefika minn faċilitazzjoni minħabba li l-kummerċ internazzjonali huwa vitali għall-prosperità tal-UE. Barra minn hekk, it-tnejn jidher intensivi meħtieġa għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Doganali tal-UE fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni żiedu ferm l-ammont ta' xogħol tal-awtoritajiet doganali tal-UE. F'dawn il-kundizzjonijiet, hemm riskji kbar ta' telf ta' dħul għall-baġit tal-UE, ta' theddid għas-sikurezza u s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE, u ta' piżijiet eċċessivi fuq il-kummerċ leġittimu, jekk ma titteħidx azzjoni biex tissaħħaħ l-attività tal-awtoritajiet doganali nazzjonali madwar l-UE.

Konxja minn dan, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, iddikjarat fil-linji gwida politiċi tagħha għall-mandat il-ġdid tal-Kummissjoni, ippubblikati fis-16 ta' Lulju 2019², li *“Wasal iż-żmien li l-Unjoni Doganali tittieħed għal-livell li jmiss, u tiġi mgħammra b'qafas aktar b'saħħtu li jippermettilna nipproteġu aħjar liċ-ċittadini tagħna u lis-suq uniku tagħna.”*. Hija qalet li l-Kummissjoni għandha tipproponi *“approċċ Ewropew integrat biex tissaħħaħ il-ġestjoni tar-riskju doganali u jiġu appoġġjati l-kontrolli effettivi mill-Istati Membri.”*.

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi Pjan ta' Azzjoni biex il-Linji Gwida Politiċi tal-President von der Leyen jinbidlu f'benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini, għan-negozji u għas-soċjetà Ewropej.

L-effett sinifikanti tal-pandemija tal-COVID-19 għamilha aktar importanti minn qatt qabel li tiġi żgurata ġestjoni intelliġenti tal-Unjoni Doganali tal-UE. Is-servizzi doganali tal-Kummissjoni rreaġixxew malajr għall-kriżi, adottaw leġislazzjoni, ħarġu linji gwida u appoġġjaw b'mod attiv lill-Istati Membri u lin-negozji b'mod partikolari biex jiżguraw flessibilitajiet fir-rigward tal-obbligi tad-dejn doganali, jiffaċilitaw l-awtorizzazzjoni rapida u immedjata ta' tagħmir mediku/protettiv u

¹ Pereżempju, it-telf potenzjali tad-dazji doganali u tal-VAT minħabba s-sottovalutazzjoni tal-importazzjonijiet tat-tessuti u taż-żraben miċ-Ċina lejn Stat Membru wieħed ġie kkalkulat li kien qrib il-EUR 5.2 biljun għall-perjodu 2013-16. Ara r-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri nru 19 tal-2017: *“Proċeduri ta' importazzjoni: xi nuqqasijiet fil-qafas legali u implimentazzjoni ineffettiva għandhom impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-UE*

² https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/political-guidelines-next-commission_mt.pdf

jipprevjenu d-dħul ta' tagħmir falz jew mhux sikur fl-UE. Din ir-reazzjoni għandha tgħin l-operazzjonijiet doganali jekk ikun hemm żieda mill-ġdid ġenerali tal-każijiet tal-COVID-19. Madankollu, il-kriżi għamlitha ċara li issa huwa vitali li jiġu esplorati l-modi kollha biex jiġi żgurat li l-Unjoni Doganali u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri joperaw bl-akbar effiċjenza, jibqgħu flessibbli u reżiljenti fi żminijiet ta' kriżi u jantiċipaw aħjar il-problemi. Dan jimplika, fuq kollox, enfasi ġdida fuq l-iżguraw ta' disponibbiltà u użu akbar tad-*data* u l-analiżi tad-*data* għal finijiet doganali kif ukoll fuq l-iżvilupp ta' sett xieraq ta' għodod ta' previżjoni u għodod għall-ġestjoni tal-kriżijiet komuni.

Xi wħud mill-azzjonijiet proposti se jirrikjedu li l-Istati Membri jallokaw ir-riżorsi xierqa fil-livell nazzjonali u li jappoġġjaw il-finanzjament fil-livell tal-UE għall-programm doganali l-ġdid tal-UE li diġà ġie propost u l-istrument finanzjarju l-ġdid għat-tagħmir doganali. Fil-każ tal-finanzjament tal-UE, l-ammonti involuti huma modesti³ filwaqt li l-potenzjal huwa sostanzjali, minħabba li d-dazji doganali wehdom jammontaw għal 14 % tad-dħul totali tal-baġit tal-UE (mingħajr ma wieħed jikkunsidra l-effett indirett pożittiv (knock-on effect) tad-dħul mill-VAT tal-Istati Membri). Madwar 85 % tal-finanzjament propost għall-programm doganali l-ġdid tal-UE se jmur għall-operat, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi doganali li jipprovdu struttura koerenti u mingħajr xkiel għall-funzjonament mingħajr xkiel tal-Unjoni Doganali u l-protezzjoni tas-Suq Uniku u taċ-ċittadini tal-UE.

II. Kuntest

L-Unjoni Doganali tal-UE tfisser li l-Istati Membri tal-UE japplikaw sistema komuni ta' dazji doganali għall-importazzjonijiet ta' merkanzija minn barra t-territorju doganali tal-UE, m'hemm l-ebda dazju doganali u l-ebda kontroll doganali fil-fruntieri bejn l-Istati Membri tal-UE. L-UE hija membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, għandha politika kummerċjali komuni u taġixxi bħala blokk kummerċjali wieħed fit-tfassil tal-ftehimiet kummerċjali internazzjonali. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jissorveljaw il-merkanzija kollha li tidħol jew toħroġ mit-territorju doganali tal-UE, irrispettivament mill-mod ta' dħul jew ħruġ tagħha.

Qafas legali modernizzat tar-regoli u l-proċeduri doganali ilu stabbilit mill-2016 u l-ħidma dwar l-aġġornament u l-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi mfassla biex jagħmlu l-Unjoni Doganali ambjent modern, interkonness u kompletament mingħajr karti jenħtieġ li titlesta madwar l-UE sa mhux aktar tard minn tmiem l-2025.

L-awtoritajiet doganali llum il-ġurnata għandhom firxa enormi ta' responsabbiltajiet superviżorji u ta' kontroll fir-rigward tal-merkanzija importata fit-territorju doganali tal-UE. Dawn mhux talli jiġbru d-dazji doganali u l-VAT fuq il-merkanzija importata, u d-dazji tas-sisa fejn applikabbli, iżda jivverifikaw ukoll dik il-merkanzija għal ħafna finijiet mhux finanzjarji, pereżempju biex jiżguraw li din tissodisfa r-rekwiżiti tal-konformità tal-prodotti tal-UE,⁴ l-istandards u r-regoli tas-saħħa alimentari u dawk ambjentali u ħafna aktar.

³ L-ammont propost huwa anqas minn EUR 1 biljun mifrux fuq seba' snin

⁴ Il-konformità tal-prodotti ma tkoprix biss il-konformità mal-leġislazzjoni dwar il-konformità tal-prodotti iżda tkopri wkoll rekwiżiti oħra bħalma huma s-sikurezza tal-prodotti u l-aċċessibilità għal persuni b'diżabbiltà

Dawn jivverifikaw ukoll il-konformità tal-merkanzija importata mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali, jikkontrollaw l-importazzjonijiet tal-prekursuri tad-droga biex jipprevjenu d-devjazzjoni illegali tagħhom lejn il-manifattura tad-drogi, jikkontrollaw il-kummerç tal-merkanzija kulturali, il-kummerç ta' organiżmi selvaġġi u l-vjeġġi tal-iskart biex jipprevjenu l-esportazzjoni u l-importazzjoni illegali, u jinfurzaw ir-regoli dwar il-flussi tal-flus illeċiti li jidħlu jew joħorġu mill-UE bħala parti mil-leġislazzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Dawn jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-frodi, it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata flimkien mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-amministrazzjonijiet u l-aġenziji responsabbli għas-sigurtà tal-fruntieri u dik interna. Barra minn hekk, dawn huma responsabbli għall-ġestjoni u l-infurzar ta' għadd dejjem jiżdied ta' ftehimiet kummerçjali preferenzjali bejn l-UE u pajjiżi oħra.

Is-Suq Intern tal-UE, li stabbilixxa żona mingħajr fruntieri interni għall-moviment tal-merkanzija, għamilha aktar importanti minn qatt qabel li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-regoli fil-fruntieri esterni għall-merkanzija li tista' tiċċaqlaq liberament ladarba tkun fit-territorju doganali. Id-dwana jeħtiġilha tibbilanċja dawn il-kontrolli permezz tal-faċilitazzjoni tal-kummerç internazzjonali u tal-katini tal-provvista globali; l-esportazzjonijiet lejn il-bqija tad-dinja f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin saru sors dejjem aktar sinifikanti ta' negozju għall-kumpaniji Ewropej u ta' impjiegi għall-Ewropej⁵, filwaqt li 80 % tal-importazzjonijiet tal-UE jipprovdu materja prima għall-attivitajiet ta' produzzjoni tal-UE. Leġislazzjoni ġdida dwar azzjoni madwar l-UE kollha f'oqsma ta' politika mhux doganali ta' spiss iġġib responsabbiltajiet ġodda għad-dwana u dan x'aktarx li jibqa' jseħħ. Pereżempju, id-dwana diġà qiegħda tiffaċċja talbiet biex tiġbor id-*data* u tikkondividiha ma' awtoritajiet oħra. Kull darba li jiġu imposti responsabbiltajiet ġodda fuq id-dwana, trid tiġi żviluppata u ġestita sistema elettronika ġdida, li tinvolvi spejjeż finanzjarji u ta' riżorsi umani addizzjonali għall-Kummissjoni u għall-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri.

F'dan l-isfond, fl-2018 il-Kummissjoni nediet eżerċizzju bl-għan li tgħin lil dawk li jfasslu l-politika jiżguraw li d-dwana tal-UE tibqa' effettiva fuq medda twila ta' żmien. Dan il-proġett innovattiv ta' previżjoni dwar "Il-Futur tad-Dwana fl-UE 2040"⁶ ħadem biex joħloq fehim kondiviż u strateġiku fost il-partijiet ikkonċernati ewlenin dwar modi kif għandhom jiġu indirizzati l-isfidi attwali u futuri għad-dwana u biex tiġi ġġenerata viżjoni għal mod li bih id-dwana tal-UE jenħtieġ li tkun fl-2040.

L-eżitu ta' dan l-eżerċizzju ta' previżjoni ta' stampa ta' Unjoni Doganali tal-UE futura li fiha l-awtoritajiet doganali joperaw b'mod kompletament integrat sabiex:

- Jipproteġu s-soċjetà, l-ambjent u l-ekonomija tal-UE permezz tal-faċilitazzjoni effettiva tal-kummerç leġittimu u s-superviżjoni intelliġenti u bbażata fuq ir-riskji tal-ktajjen tal-provvista;
- Ikunu proattivi, jaħdmu mingħajr xkiel mal-partijiet ikkonċernati, ikunu impenjati biex jiksbu innovazzjoni u sostenibbiltà u jkunu r-referenza għad-dwana madwar id-dinja;
- Jitqiesu li jaġixxu bħala entità waħda.

Biex jiksbu din il-viżjoni, il-parteciċipanti ssottolinjaw passi bħal aktar estrazzjoni tad-*data* u użu aħjar tar-riżorsi tad-*data*; aktar interoperabbiltà bejn id-dwana u sistemi oħra ta' informazzjoni fuq il-

⁵ Mis-sena 2000, l-esportazzjonijiet barra mill-UE bħala medja żdiedu b'6 % fis-sena bħala valur u bi 3 % bħala tunnellaġġ; l-għadd ta' oġġetti esportati lejn pajjiżi li mhumiex tal-UE żdied bi 12 % fuq bażi annwali mill-2010 'l hawn.

⁶ <https://blogs.ec.europa.eu/eupolicylab/?s=future+of+customs>

fruntieri; governanza aktar b'saħħitha tal-Unjoni Doganali; sistema aħjar għat-taħriġ tal-uffiċjali doganali; u kooperazzjoni mtejba bejn l-UE u pajjiżi oħra fuq livell multilaterali u bilaterali.

III. It-triq 'il quddiem

F'konformità mal-isforzi tal-Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni, l-eżerċizzju ta' previżjoni ta' valur lill-Kummissjoni kemm permezz tal-viżjoni li dan iġġenera ta' dwana tal-UE għall-futur kif ukoll permezz tat-tiżni tar-rabtiet importanti mal-komunità wiesgħa tal-partijiet ikkonċernati. Biex l-Unjoni tittieħed għal-livell li jmiss, il-Kummissjoni issa tipproponi serje ta' azzjonijiet għall-perjodu tal-mandat tagħha, li għandhom l-għan li jqisu r-riżultati tal-eżerċizzju ta' previżjoni għall-konsultazzjonijiet tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati tal-UE⁷, u li jqisu l-ħtieġa li jsiru xi konklużjonijiet għal finijiet doganali mill-pandemija riċenti tal-COVID-19. Bħala l-ewwel pass lejn il-kisba tal-viżjoni iġġenerata fl-eżerċizzju ta' previżjoni, l-azzjonijiet jiffokaw b'mod partikolari fuq l-iżguraw ta' disponibbiltà u użu akbar tad-*data* u tal-analiżi tad-*data* għal finijiet doganali u għas-superviżjoni intelliġenti u bbażata fuq ir-riskji tal-ktajjen tal-provvista. L-azzjonijiet huma miġbura taħt erba' intestaturi kif ġej:

a) Il-ġestjoni tar-riskju hija kruċjali għall-kontrolli doganali, minħabba l-volumi sostanzjali ta' merkanzija li jidħlu u joħorġu mit-territorju doganali li l-awtoritajiet doganali mhux dejjem ikunu jistgħu jeżaminaw fuq bażi individwali u minħabba l-ħtieġa li jiġi ffaċilitat il-kummerċ leġittimu. L-awtoritajiet doganali diġà jwettqu ġestjoni tar-riskju abbażi ta' qafas komuni ta' ġestjoni tar-riskju għall-UE kollha li jinkludi kriterji⁸ u standards komuni tar-riskju, miżuri għall-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-riskju u t-tweqqif ta' analiżi elettronika tar-riskju. Il-prinċipju ċentrali huwa artikolat madwar żewġ linji ta' strateġija ta' difiża: (i) il-valutazzjoni minn qabel, u (ii) il-kontroll meta u fejn meħtieġ, qabel jew wara r-rilaxx tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-UE. Madankollu, hemm tħassib li l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju mhux implimentat bl-istess mod fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, is-sistemi tal-valutazzjoni tar-riskju tal-Istati Membri ma jistgħux jinkludu informazzjoni importanti jew minħabba li l-informazzjoni ma tinġabarx jew ma tiġix kondiviża bejn l-Istati Membri jew minħabba li l-Istati Membri għandhom nuqqas ta' *data* komparattiva fl-Unjoni kollha li tippermettilhom jinterpretaw id-*data* nazzjonali tagħhom stess. L-analiżi tad-*data* fil-livell tal-UE hija meħtieġa biex tixpruna użu aħjar u aktar estensiv tad-*data* mis-sorsi kollha, inkluż permezz tal-kooperazzjoni doganali internazzjonali, u biex tiffaċilita l-interkonnessjonijiet fil-ġestjoni tar-riskju, fil-kontrolli doganali u fl-azzjonijiet ta' kontra l-frodi.

b) Il-ġestjoni tal-kummerċ elettroniku. Il-kummerċ elettroniku għandu jintlaqa' tajjeb għall-benefiċċji li jġib għan-negożji, b'mod partikolari għall-SMEs, u għall-konsumaturi, u l-iffaċilitar ta' din l-attività huwa l-pedament tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali. Madankollu, l-awtoritajiet tat-taxxa u dawk doganali għandhom diffikultajiet serji biex jiżguraw il-konformità mar-regoli tat-taxxa u dawk doganali tal-merkanzija mixtrija online. L-awtoritajiet doganali għandhom l-obbligu addizzjonali li jivverifikaw il-merkanzija għall-firxa wiesgħa ta' għanijiet mhux finanzjarji diġà deskritti, inklużi s-sikurezza, is-sigurtà, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u standards oħra tal-UE. Il-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ

⁷ <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12305-Action-Plan-on-the-Customs-Union>

⁸ Aċċessibbli biss għall-esperti fil-ġestjoni tar-riskju fl-Istati Membri

elettroniku⁹ adottat fil-5 ta' Diċembru 2017 u li għandu jiġi implimentat mill-1 ta' Lulju 2021 għandu l-għan li jiġġieled il-frodi tal-VAT u jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji tal-UE filwaqt li jiffaċilita l-kummerċ transfruntier. Il-leġiżlazzjoni doganali u s-sistemi tal-IT qegħdin jiġu adattati biex iqisu dawn ir-regoli l-ġodda tal-VAT. L-obbligi l-ġodda ta' rapportar dwar is-servizzi postali mill-15 ta' Marzu 2021 se jikkontribwixxu għall-iżgurar tas-sikurezza u s-sigurtà tal-importazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku. Madankollu, huma meħtieġa azzjonijiet addizzjonali, inkluża kooperazzjoni internazzjonali, biex jiġi żgurat li d-dwana tkun tista' tikkontrolla dawn l-importazzjonijiet b'mod effettiv.

c) Il-promozzjoni tal-konformità. It-tisħiħ u l-iffaċilitar tal-konformità huma vitali sabiex isiru disponibbli riżorsi tad-dwana biex jiffokaw fuq movimenti suspettużi ta' merkanzija. Diġà teżisti skema għall-għoti ta' benefiċċji lil negozjanti fdati bħala kumpens għall-konformità tagħhom mal-kriterji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni doganali tal-UE u din tintuża b'mod wiesa' iżda trid tiġi ġestita aħjar biex jiġi evitat l-abbuż. Fl-istess ħin, l-isforzi jridu jkomplu jiffaċilitaw lil negozjanti konformi ta' riskju baxx, b'mod partikolari billi jiżguraw li s-simplifikazzjonijiet tal-proċeduri doganali previsti fil-leġiżlazzjoni doganali tassew jaħdmu fil-prattika. It-tkomplija tal-iżvilupp tal-kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali ewlenin, fil-livell bilaterali u multilaterali, filwaqt li tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-arranġamenti preferenzjali eżistenti tal-UE ma' pajjiżi terzi u jiġu infurzati r-regoli tagħhom, hija element importanti ieħor tal-konformità.

d) L-awtoritajiet doganali li jaġixxu bħala entità waħda. Filwaqt li l-Istati Membri diġà jikkooperaw ma' xulxin f'ħafna oqsma, irid ikun hemm kooperazzjoni usa' u aktar operazzjonali fost l-awtoritajiet doganali fuq bażi tematika jew ġeografika sabiex jiġi żgurat it-twettiq tal-prijoritajiet ewlenin tad-dwana. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet nazzjonali oħra trid tittejjeb ukoll u l-UE jeħtieġ li taġixxi bħala entità waħda fir-rigward ta' kwistjonijiet doganali fil-livell internazzjonali. Jeħtieġ li jiġu indirizzati l-iżbilanċi bejn l-Istati Membri fil-kontrolli doganali b'mod partikolari billi jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom biżżejjed riżorsi umani mħarrġa u tagħmir modern u affidabbli għall-kontroll doganali. L-ekwivalenza tar-riżultati fit-twettiq tal-kontrolli fil-fruntieri esterni trid tiġi żgurata wkoll billi tittejjel b'mod preċiż il-prestazzjoni tal-attivitajiet u l-kompiti doganali. Fuq kollox, jeħtieġ li jiġu indirizzati kwistjonijiet aktar fundamentali bħal kif jiġu ttrattati l-kriżijiet bħall-pandemija riċenti tal-COVID-19; kif jiġu ġestiti l-ispejjeż tas-sistemi elettroniċi doganali; kif jiġi żgurat li l-għodod, it-taħriġ u l-metodi doganali u l-istrutturi organizzattivi jkunu adegwati u xierqa; u kif għandha tiġi żgurata l-viżibbiltà għar-rwol tad-dwana fis-soċjetà u jiġu attirati persuni b'talent u motivati biex jaħdmu għad-dwana.

Taħt dawn l-erba' intestaturi ewlenin, il-Kummissjoni tħabbar diversi azzjonijiet fil-kapitolu li ġej. Diġà beda x-xogħol preliminari fuq xi azzjonijiet iżda jistħoq li l-azzjonijiet jissemmew minħabba l-importanza tagħhom għall-pjan biex l-Unjoni Doganali tittieħed għal-livell li jmiss. Il-Kummissjoni se tappoġġja l-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet biex l-Unjoni Doganali tittieħed għal-livell li jmiss permezz tal-programmi ta' appoġġ tekniku tagħha. L-azzjonijiet imħabbra hawn taħt ma

⁹ https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/vat/modernising-vat-cross-border-ecommerce_en

jipprekludux il-possibbiltà li d-dwana tkun meħtieġa timplimenta politiki addizzjonali tal-UE fil-fruntieri tal-UE, soġġett għad-disponibbiltà ta' riżorsi umani u finanzjarji, għal valutazzjoni tal-politika u tal-impatt tal-IT u għal ippjanar xieraq.

IV. Azzjonijiet

a) Ġestjoni aktar effettiva tar-riskju doganali biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli aktar effettivi

1) Kapaċitajiet Analitiċi Konġunti tal-UE (JAC)

Mid-diskussjonijiet dwar il-kontrolli doganali ħareġ biċ-ċar li l-awtoritajiet doganali se jibbenefikaw ferm, minn firxa wiesgħa ta' finijiet doganali, minn aktar *data* u analiżi tad-*data*. Analiżi aħjar tad-*data* tgħin fil-ġestjoni tar-riskju, fl-iżdoganar tal-merkanzija u fil-fażi wara l-iżdoganar tal-merkanzija, u fl-azzjonijiet ta' kontra l-frodi. Pereżempju, fuq medda twila ta' żmien, il-monitoraġġ tat-tendenzi u x-xejriet permezz tal-analiżi tad-*data* jista' jgħin lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet doganali jidentifikaw in-nuqqasijiet u l-vulnerabbiltajiet u biex jieħdu deċiżjonijiet ta' politika b'mod aktar infurmat.

Hemm ammont kbir ta' *data* f'varjetà wiesgħa ta' bażijiet tad-*data* u pjattaformi tad-*data* tal-UE u tal-Istati Membri li diġà qed jintuża sa ċertu punt għal finijiet ta' ġestjoni tar-riskju, u aktar *data* qiegħda ssir disponibbli għall-ħidma fil-livell tal-UE hekk kif sistemi elettroniċi u aġġornamenti ġodda tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU) jidhru online. Madankollu, dan l-ammont kbir ta' *data* qatt ma ġie interkonness jew użat kif suppost u l-awtoritajiet doganali u l-Kummissjoni jeħtieġu aċċessibbiltà aħjar għal din id-*data*, inkluż għall-finijiet ta' kontra l-frodi.

Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li tnedi inizjattiva tal-UE bl-isem "Kapaċitajiet Analitiċi Konġunti" fis-servizzi tagħha stess biex tiffaċilita l-ġbir tad-*data* u l-użu aħjar tad-*data* minn sorsi doganali u mhux doganali u biex tipprovdi għodod għal kondivizzjoni u interkonnessjoni aħjar tad-*data*. Il-ħidma se titwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u r-riżultati tal-ħidma se jkunu kondiviżi magħhom, u dan se jikkomplementa l-informazzjoni u l-għodod tal-Istati Membri stess. L-analiżi tad-*data* se tkun disponibbli wkoll għall-azzjonijiet ta' kontra l-frodi u tal-infurzar, inkluż għal finijiet relatati mal-prevenzjoni tat-telf tar-Riżorsi Propriji Tradizzjonali (TOR).

Il-punt tat-tluq għall-inizjattiva tal-analitika konġunta se jkun it-titjib tal-ġestjoni tar-riskju u, f'konformità mal-istrateġija attwali tal-ġestjoni tar-riskju, se jagħti l-ewwel prijorità lill-iżgurar ta' protezzjoni aħjar tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u aktar sigurtà u sikurezza tal-UE u ċ-ċittadini tagħha. Ir-riżultati se jgħinu lill-awtoritajiet doganali jidentifikaw flussi kummerċjali riskjużi, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. B'riżultat ta' dan, dawn se jkunu jistgħu jwettqu kontrolli aktar iffukati, effiċjenti u kosteffettivi u jottimizzaw l-użu tar-riżorsi skarsi li jenħtieġ li jiġu riflessi f'riżultati aħjar skont l-indikaturi tal-Prestazzjoni tal-Unjoni Doganali (ara hawn taħt).

F'dan il-qafas, il-ħidma se tiffoka l-ewwel fuq l-isfruttar tad-*data* diġà disponibbli fil-bażi tad-*data* tas-Sorveljanza Doganali tal-UE dwar id-*data* tal-importazzjoni u l-esportazzjoni sabiex jiġu analizzati l-flussi kummerċjali. L-analiżi tad-*data* tas-Sorveljanza se tgħin ukoll biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta u uniformi tat-tariffa tal-Unjoni fis-sistemi tal-awtorizzazzjoni doganali tal-Istati Membri.

Is-sistema elettronika l-ġdida ta' Kontroll tal-Importazzjoni Doganali (ICS2), li qiegħda tintuża fi tliet fażijiet bejn l-2021 u l-2024 biex tidentifika t-theddid għas-sikurezza u s-sigurtà qabel ma jasal fl-UE, se tipprovi aktar *data* u kapaċitajiet għall-analitika tad-*data*. Il-ħidma pilota biex jiġu esplorati daww il-kapaċitajiet analitiċi kondiviżi tal-ICS2 se tibda fl-2020 u l-Grupp tal-Politika Doganali se jintalab japprova l-ġhodda analitika għall-ICS2 f'Diċembru 2020.

Aktar tard, u skont id-disponibbiltà tar-riżorsi, is-servizzi tal-Kummissjoni se jespandu l-kamp ta' applikazzjoni tal-analiżi tad-*data* tagħhom billi jqisu jekk u kif id-*data* minn sorsi addizzjonali tistax tikkomplementa l-analiżi tal-JAC. Dan jista' jinkludi l-kombinazzjoni tad-*data* mis-sistema tas-Sorveljanza Doganali mad-*data* li tikkonċerna l-ksur tal-Proprietà Intellettwali (DPI) inkluż fis-sistema "COPIS" għal kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija, L-użu tad-*data* fis-Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi ("AFIS") u l-kapitalizzazzjoni fuq sorsi ġodda ta' *data* inkluża *data* li tista' tinġabar taħt bosta mill-azzjonijiet deskritti aktar 'il quddiem f'din il-Komunikazzjoni (*data* dwar il-pagamenti tal-VAT, pjattaformi online, Prestazzjoni tal-Unjoni Doganali, sistemi elettroniċi tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u oħrajn). L-analiżi tal-JAC tista' wkoll, maż-żmien u jekk ikun fattibbli, tinkludi l-intelliġenza artifiċjali/l-apprendiment awtomatiku.

Se jiġu żviluppati soluzzjonijiet xierqa ta' governanza għar-riżultati tal-analiżi u se jitqiesu l-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* u l-kunfidenzjalità. Fuq perjodu ta' żmien medju, jekk ikun meħtieġ u soġġett għal valutazzjoni tal-impatt, tista' tiġi żviluppata arkitettura tal-UE għall-ħżin u l-ġestjoni tad-*data* fis-strutturi eżistenti jew f'aġenzija ġdida li għandha tiġi stabbilita (ara wkoll hawn taħt).

Azzjoni: 2020 - 2024:

- **mill-2020 'il quddiem:** Għaddejja ħidma fuq l-iżvilupp ta' ġhodod fis-sistema elettronika tas-Sorveljanza tal-UE biex jintuża s-sett komprensiv tagħha ta' *data* tal-importazzjoni u l-esportazzjoni biex jiġu estratti t-tendenzi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Għall-ICS2, l-Istati Membri jenħtieġ li japprovaw l-ġhodda analitika proposta tal-ICS2 f'Diċembru.
- **Minn tmiem l-2021,** is-servizzi tal-Kummissjoni se jużaw l-analitika tad-*data* tas-Sorveljanza biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni korretta u uniformi tat-tariffa tal-Unjoni.
- **Sa tmiem l-2023,** wara l-espansjoni pjanata tas-sett tad-*data* tas-Sorveljanza biex jinkludi elementi ta' *data* addizzjonali, u soġġett għad-disponibbiltà tar-riżorsi, is-servizzi tal-Kummissjoni se jespandu l-analitika biex jikkombinaw id-*data* minn dik is-sistema ma' *data* f'sistemi oħra relatati pereżempju mal-qbid ta' merkanzija ffalsifikata (COPIS), ma' informazzjoni għal kontra l-frodi (AFIS), ma' *data* dwar il-pagamenti tal-VAT, ma' pjattaformi online, mal-Prestazzjoni tal-Unjoni Doganali, u fis-sistemi elettroniċi tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni. Barra minn hekk, wara l-iżvilupp tal-ġhodda analitika tal-ICS2 u wara l-implimentazzjoni ta' tnejn mit-tliet fażijiet tal-ICS2, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jibdeu l-analitika dwar id-*data* avvanzata qabel it-tagħbija u qabel il-wasla għat-trasportaturi postali, express u tal-merkanzija bl-ajru.
- **Sa tmiem l-2024,** wara l-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-ICS2, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jwettqu l-analitika tad-*data* avvanzata ta' qabel it-tagħbija u ta' qabel il-wasla pprovduta mit-trasportaturi marittimi, bit-triq u bl-ajru u mill-fornituri loġistiċi kollha.

2) *Strateġija tal-ġestjoni tar-riskju rieżaminata*

Il-Kummissjoni tippjana li tfassal mill-ġdid u ssaħħaħ il-qafas attwali tal-Ġestjoni tar-Riskju sabiex tikseb approċċ aktar reattiv u strutturat għall-ġestjoni tar-riskju. Il-ħidma tal-ġestjoni tar-riskju tiffoka fuq is-sigurtà, is-sikurezza u r-riskji finanzjarji. Il-Kummissjoni tixtieq issaħħaħ il-qafas billi tingrana

fuq il-kapaċitajiet analitiċi konġunti l-ġodda li ġew proposti. Barra minn hekk, din tixtieq tiżviluppa governanza soda u effiċjenti biex jiġu indirizzati r-riskji finanzjarji fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2018 dwar il-Kriterji tar-Riskju Finanzjarju¹⁰.

Il-Kummissjoni se timmira wkoll, sabiex tipproteġi s-Suq Intern tal-UE u ċ-ċittadini tagħha, li ssaħħa il-proċess attwali tal-ġestjoni tar-riskju għall-firxa wiesgħa ta' riskji mhux finanzjarji li d-dwana hija responsabbli li tikkontrolla, kif deskritt hawn fuq. F'dan ir-rigward, l-għodod il-ġodda għall-kooperazzjoni f'ħin reali bejn id-dwana u għall-identifikazzjoni tar-riskji li se jiġu stabbiliti fl-ambitu tas-sistema elettronika ta' Kontroll tal-Importazzjoni Doganali (ICS2) jenħtieġ li jipprovdu assistenza kbira lill-awtoritajiet doganali fil-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà u s-sikurezza qabel il-wasla, billi jippermettu lid-dwana taħdem flimkien f'ħin reali biex timmira lejn kunsinni ta' riskju anke qabel dawn jitgħabbew f'pajjiżi terzi. Irid isir ukoll titjib fil-proċessi għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji li jistgħu jinqalgħu wara l-wasla tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-UE. Fl-aħħar nett, il-qafas il-ġdid tal-ġestjoni tar-riskju se jkollu l-għan li jwieġeb għal sfidi ġodda bħal dawk li jirriżultaw mill-ammont dejjem jiżdied ta' kummerċ elettroniku li jidħol fit-territorju doganali.

Azzjoni: 2021

- Strateġija għall-Ġestjoni tar-Riskju għida fil-forma ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (għall-ingranaġġ fuq xogħol analitiku konġunt, l-iżviluppar tal-governanza għar-riskji finanzjarji, it-tisħiħ tal-ġestjoni tar-riskju għal riskji mhux finanzjarji u l-indirizzar taż-żieda rapida fil-kummerċ elettroniku) li għandha tiġi adottata fil-**Q2 2021**

b) Ġestjoni tal-kummerċ elettroniku

3) Użu tad-data tal-VAT għal finijiet doganali

Kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha għal tassazzjoni aktar ġusta u aktar sempliċi li tappoġġja l-istrateġija ta' rkupru¹¹, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tesplora l-possibiltà li fin-network ta' kontra l-frodi tat-taxxa tal-Eurofisc,¹² tistabbilixxi ċentru tal-UE għall-informazzjoni dwar it-taxxi li jservi mhux biss lill-amministrazzjonijiet tal-VAT iżda wkoll lil servizzi doganali u ta' kontra l-frodi, u li jipprovdi konnessjoni diretta mal-Eurofisc għad-dwana. Diġà jeżistu xi skambji bejn dawn is-servizzi¹³ iżda dawn jeħtieġ li jiġu ssimplifikati u strutturati permezz tal-ħolqien ta' aċċess dirett għall-informazzjoni dwar it-tassazzjoni għall-awtoritajiet doganali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha l-għan li tiżgura li d-dwana tkun tista' tingrana l-obbligi l-ġodda tar-rapportar tad-data dwar il-pagamenti li għandhom jiġu imposti mill-1 ta' Jannar 2024 fuq il-fornituri tas-servizzi tal-pagamenti għall-finijiet tal-VAT¹⁴. Din id-data dwar il-pagamenti għandha

¹⁰ C(2018) 3293 (aċċess ristrett għall-esperti fil-ġestjoni tar-riskju tal-Istati Membri)

¹¹ COM (2020) 312, 15.7.2020

¹² L-Eurofisc huwa network għall-iskambju immedjat ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, għall-ipproċessar u l-analiżi ta' informazzjoni mmirata dwar il-frodi transfruntier tat-taxxa u għall-koordinazzjoni tal-azzjonijiet ta' segwitu.

¹³ Pereżempju dawn l-iskambji sehew fl-ambitu tal-Pjattaforma Multidixiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT). Fl-ambitu ta' din l-iskema, kien hemm kooperazzjoni operattiva Prattika bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-UE, permezz tal-Eurofisc, l-amministrazzjonijiet doganali u kemm l-Europol kif ukoll l-OLAF fil-qasam tal-identifikazzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi tal-VAT.

¹⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/284 tat-18 ta' Frar 2020 (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 7) u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/283 tat-18 ta' Frar 2020 (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 1)

tidentifika r-riċevituri ta' dawk il-pagamenti u tipprovdi informazzjoni dwar l-ammonti u d-dati tal-pagamenti u l-Istat Membru ta' oriġini tal-pagament/pagatur. L-aċċess għal din id-*data* jgħin lid-dwana biex tintraċċa l-merkanzija lura lejn is-sors tagħha u b'hekk tidentifika s-sottovalutazzjoni tal-merkanzija importata b'mod partikolari. Dan l-aċċess jenħtieġ li jiżgura wkoll sinerġiji akbar bejn l-awtoritajiet doganali u dawk tat-taxxa li jsaħħu l-isforzi għall-ġlieda kontra l-frodi.

Azzjonijiet: 2020 sa 2024

- Il-ħolqien ta' aċċess doganali dirett għaċ-ċentru ta' informazzjoni dwar it-taxxi tal-Eurofisc¹⁵ sal-2022
- Mill-Q3 2020, il-Kummissjoni se tivvaluta l-arranġamenti possibbli biex tiżgura l-aċċess mid-dwana għad-*data* dwar il-pagamenti tal-VAT u, soġġett għal dik il-valutazzjoni, se tipproponi soluzzjoni finali sal-1 ta' Jannar 2024

4) Rieżami tar-rwol u l-obbligi tal-atturi tal-kummerċ elettroniku b'mod partikolari l-pjattaformi

Il-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku adottat fil-5 ta' Diċembru 2017 u li għandu jiġi implimentat mill-1 ta' Lulju 2021 jabolixxi l-limitu attwali ta' EUR 10/22 li taħtu l-merkanzija importata hija eżentata mill-VAT. Dan ifisser li, mill-jum li fih jidħol fis-seħħ il-pakkett, id-dwana jkollha timponi l-VAT fuq il-merkanzija kollha mal-wasla tagħha fl-UE sakemm il-bejjiegħ ma jkunx diġà għar il-VAT fil-ħin tax-xiri fl-ambitu tal-iskema tal-Punt Uniku ta' Servizz (IOSS) tal-Importazzjoni. Mill-istess data, il-postijiet tas-suq online ("pjattaformi") se jkollhom ukoll l-obbligu li jżommu ċerta informazzjoni għall-finijiet tal-VAT u jipprovduha lill-awtorità tat-taxxa meta mitluba.

Abbażi ta' dawn ir-rekwiżiti tar-rapportar tat-taxxa, il-Kummissjoni se tesplora l-impożizzjoni tal-obbligi tar-rapportar doganali fuq il-pjattaformi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-kummerċ elettroniku. Filwaqt li l-pjattaformi mhumiex ġeneralment involuti fl-arranġament tal-iżdoganar tal-merkanzija għall-merkanzija mixtrija online, dawn għandhom u jistgħu jikkondividu d-*data* li turi l-ktajjen tal-bejgħ sħaħ, mill-bejjiegħ oriġinali, permezz tal-valur tranżazzjonali, max-xerrej aħħari. Din id-*data* tissupplimenta l-informazzjoni pprovduta fid-dikjarazzjonijiet doganali u tista' ttejjeb l-azzjonijiet doganali u dawk tat-taxxa kontra attivitajiet frodulenti bħas-sottovalutazzjoni, id-deskrizzjoni ħażina ta' merkanzija u d-dikjarazzjonijiet foloz ta' oriġini, il-frodi tal-VAT u dak doganali, u kontra l-firxa ta' riskji mhux finanzjarji. Il-provvista ta' *data* mill-pjattaformi jkun ta' benefiċċju wkoll għall-kummerċ billi jippermetti l-identifikazzjoni u r-rilaxx aktar rapidu ta' kunsinni ta' riskju baxx li huma taħt il-limitu ta' eżenzjoni mid-dazju doganali, fejn il-VAT diġà tħallset fl-ambitu tal-iskema tal-IOSS. Il-Kummissjoni se teżamina wkoll l-effetti tal-kummerċ elettroniku fuq il-ġbir tad-dazji doganali u fuq il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi tal-UE. Dan se jinkludi l-esplorazzjoni ta' arranġamenti għall-ġbir tad-dazji doganali fuq il-linji tal-appoċċ il-ġdid għall-ġbir tal-VAT.

¹⁵ Ara l-azzjoni 9 tal-Pjan ta' Azzjoni għal tassazzjoni aktar ġusta u aktar sempliċi li tappoġġja l-istrateġija ta' rkupru (nota 10 ta' qiegħ il-paġna hawn fuq)

Azzjonijiet: 2021 sa 2023

- Wara l-ittestjar pilota, u soġġett għar-riżultati ta' valutazzjoni tal-impatt, emenda legali għall-pakkett tal-KDU biex jiġi impost l-obbligu tar-rapportar doganali fuq il-pjattaformi: **Q1 2023**.
- Analiżi tal-impatt tal-kummerċ elettroniku fuq il-ġbir tad-dazji doganali u fuq il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi tal-UE: għandha titnieda fl-**2021**.

c) Tisħiħ u ffaċilitar tal-konformità

5) Tisħiħ tal-programm għall-AEO

Il-programm tal-UE għall-Operatur Ekonomiku Awtorizzat (AEO) li ilu stabbilit mill-2008 għandu l-għan li jtejjeb is-sigurtà tal-katini tal-provvista internazzjonali filwaqt li jiffaċilita l-kummerċ leġittimu. Dan jippermetti lin-negozjanti jibbenefikaw minn firxa ta' simplifikazzjonijiet tal-formalitajiet doganali jekk min-naħa tagħhom dawn jieħdu miżuri msaħħa biex jiżguraw il-konformità u l-kooperazzjoni mad-dwana. Il-Kummissjoni żviluppat strateġija komprensiva u metodoloġija biex ittejjeb l-implimentazzjoni b'saħħitha tal-programm, inkluż it-tisħiħ tar-rabtiet mal-ġestjoni tar-riskju doganali u t-tkattir tal-fehim tan-negozjanti tal-programm.

Soġġett għar-riżultati taż-żjarat ta' tiftix tal-fatti fl-Istati Membri, il-Kummissjoni se tqis l-introduzzjoni ta' leġislazzjoni li timponi obbligi aktar preċiżi fuq l-Istati Membri biex jimmonitorjaw l-AEOs sabiex jiġi żgurat li dawn ikompli jissodisfaw il-kriterji tal-AEO. B'mod separat, il-Kummissjoni se taġġorna l-linji gwida tal-AEO li huma mfassla biex jipprovdu assistenza lill-Istati Membri u lill-operaturi ekonomiċi fl-applikazzjoni tal-programm għall-AEO.

Azzjonijiet: 2021

- Proposta leġislattiva biex jiġu stabbiliti obbligi ta' monitoraġġ aktar preċiżi (jekk ikun meħtieġ): **Q2/3 2021**
- Aġġornament tal-linji gwida tal-AEO: **Q2/3 2021**

6) Żvilupp u implimentazzjoni tal-ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana

Il-Kummissjoni qiegħda taħdem fuq proposta għal ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana li joffri kemm possibbiltajiet ta' kontroll aktar b'saħħtu kif ukoll faċilitazzjoni tal-kummerċ.

In-negozji jibbenefikaw billi jkunu jistgħu jlestu l-formalitajiet kollha fuq il-fruntieri, għad-dwana u għal finijiet oħra bħas-saħħa, l-ambjent, is-sikurezza u s-sigurtà tal-prodott u alimentari, f'azzjoni elettronika waħda u jgawdu minn awtorizzazzjoni aktar rapida tal-merkanzija fuq il-fruntieri waqt l-importazzjoni u l-esportazzjoni. Għall-aġenziji tal-gvern, il-miżura tippermetti l-ipproċessar kollaborattiv, il-kondiviżjoni u l-iskambju tal-informazzjoni u valutazzjoni aħjar tar-riskju. Eżerċizzju pilota f'dan is-sens bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet sħab kompetenti għall-katina agroalimentari, l-importazzjoni tal-injam ippreparat u l-formalitajiet fitosanitarji diġà huma operattivi u qed jintużaw f'dis-a' Stati Membri¹⁶.

¹⁶ Il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovenja

Azzjonijiet: 2020

- Proposta leġiżlattiva għal Ambjent ta' Tieqa Unika għad-Dwana sal-**Q4 2020**

7) *Evalwazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni*

Qafas legali modernizzat tar-regoli u l-proċeduri doganali ilu stabbilit mill-2016, fil-forma tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU). Aktar minn nofs is-sbatax-il sistema elettronika tal-KDU maħsuba l-Unjoni Doganali jkollha ambjent modern u kompletament mingħajr karti diġà qed joperaw u s-sistemi li fadal se jitlestew sa mhux aktar tard minn tmiem l-2025. Sa tmiem l-2021, il-Kummissjoni se tlesti evalwazzjoni interim biex tistabbilixxi jekk il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u s-sistemi elettroniċi li tlestew sa dik id-data għadhomx adattati għall-iskop maħsub għalih billi jitqies l-oġettiv li kien dak li jiġu żgurati proċessi modernizzati u ssimplifikati għall-assistenza ta' negozjanti u awtoritajiet doganali konformi. L-evalwazzjoni se tappoġġja deċiżjonijiet dwar jekk il-Kodiċi u l-atti ta' implimentazzjoni u dawk delegati tiegħu hemmx bżonn li jiġu rieżaminati. B'mod partikolari din se tqis jekk il-Kodiċi huwiex flessibbli biżżejjed biex jittratta l-ġestjoni tal-formalitajiet doganali waqt il-kriżijiet bħall-COVID-19 u mudelli ġodda ta' negozju bħall-kummerċ elettroniku.

Azzjoni: 2021

- Evalwazzjoni interim tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni – **Q4 2021**

8) *Sistema komuni ta' sanzjonijiet doganali*

Għalkemm il-leġiżlazzjoni doganali hija armonizzata, l-infurzar tagħha jvarja minħabba li dan huwa l-kompitu tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri. In-nuqqas ta' sistema komuni ta' ksur u sanzjonijiet joħloq inċertezza tad-dritt għan-negozji u possibbilment distorsjonijiet kompetittivi fis-Suq Intern. Dan ifisser b'mod partikolari vulnerabbiltajiet fil-ġbir tad-dħul u dgħufijiet fl-infurzar tal-politiki. Skont ir-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-UE hija obbligata tiżgura applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni doganali, inkluż fir-rigward tas-sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità.

Għalhekk, il-Kummissjoni se tipproponi approċċ ieħor għal dan is-suġġett wara n-nuqqas ta' ftehim dwar il-proposta tal-Kummissjoni tal-2013 għal qafas legali tal-Unjoni għall-ksur u s-sanzjonijiet doganali¹⁷.

Il-Kummissjoni tipproponi bl-appoġġ tal-Istati Membri fi grupp ta' proġetti li jifassal rapport komprensiv aġġornat dwar is-sistemi individwali ta' penali f'kull Stat Membru b'konformità mal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni se tistabbilixxi linji gwida għall-applikazzjoni tas-sett tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 42(1) għal sistemi nazzjonali bħal dawn, jiġifieri li s-sanzjonijiet iridu jkunu "effettivi, proporzjonati u dissważivi". Meta jkun il-waqt dan ix-xogħol jista' jwassal għal proposta leġiżlattiva oħra li tissostitwixxi l-proposta tal-2013.

Azzjonijiet: 2020 sa 2022

¹⁷ COM(2013) 884 final, 13.12.2013

- Linji gwida dwar kriterji għal reġimi ta' sanzjonijiet nazzjonali – **Q4 2021**
- Abbażi tal-esperjenza bil-Linji Gwida, il-Kummissjoni se tqis jekk huwiex meħtieġ li tipproponi leġislazzjoni dwar sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità - **2022**

9) Qafas legali għall-għlieda kontra l-frodi doganali

Fil-livell tal-Unjoni, ir-Regolament (KE) Nru 515/97¹⁸ huwa l-għodda legali ewlenija għall-għlieda kontra l-frodi doganali permezz tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda twestaq evalwazzjoni bir-reqqa ta' dan ir-Regolament bl-għan ewlieni li tivvaluta jekk ir-Regolament għadux adattat u rilevanti biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minn xejriet ġodda ta' frodi doganali. Abbażi tar-riżultat ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni se tiddeċiedi jekk hemmx bżonn li jiġi rieżaminat ir-Regolament.

Azzjoni fl-2020-2021

- Rapport dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 515/97 sal-**Q4 2020**
- Valutazzjoni tal-ħtieġa li jiġi aġġornat ir-Regolament (KE) Nru 515/97 biex jiġu indirizzati l-isfidi moderni tal-frodi doganali – **Q1 2021**

10) Involvement tad-dwana fil-protezzjoni tas-suq uniku kontra l- importazzjoni ta' prodotti mhux konformi u mhux sikuri

Regolament ġdid¹⁹ dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti li se jidħol fis-seħħ fl-2021 se jippermetti kontrolli aktar effettivi fuq il-prodotti li jidħlu fl-UE. Il-kriżi tal-COVID reġgħet enfasizzat it-theddida ppreżentata mill-prodotti illegali, b'diversi każijiet ta' tagħmir protettiv perikoluż, mhux konformi jew iffalsifikat li nġarr bil-baħar minn pajjiżi terzi li wasal fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tadotta leġislazzjoni ta' implimentazzjoni bl-għan li tagħmel l-intervent u l-kooperazzjoni doganali aktar effettivi, inkluż permezz ta' qafas imsaħħaħ għall-ġestjoni tar-riskju, u se tiżviluppa interfaċċja ġdida bejn is-sistemi doganali u dawk tas-sorveljanza tas-suq fil-livell tal-UE sabiex tappoġġja l-kondiviżjoni tal-informazzjoni.

Azzjonijiet: 2021 - 2025

- Il-Kummissjoni se tadotta atti ta' implimentazzjoni għar-regolament dwar is-sorveljanza tas-suq, bl-għan li jiġu indirizzati aspetti relatati mad-dwana, mill-**2021** 'il quddiem.
- Sal-**2025**, il-Kummissjoni se tiżviluppa interfaċċja ġdida fil-livell tal-UE bejn is-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS) u l-ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-dwana.

11) Monitoraġġ tal-funzjonament tal-arranġamenti kummerċjali preferenzjali

¹⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agricoli. ĠU L 082 22.3.1997, p. 1, kif emendat.

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011. ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1-44

L-arranġamenti kummerċjali preferenzjali tal-UE ma' pajjiżi oħra huma essenzjali biex jappoġġjaw l-aċċess għas-swieq esterni għall-produtturi u l-esportaturi tal-UE iżda jistgħu jwasslu għal ċirkonvenzjoni kummerċjali, permezz ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-oriġini preferenzjali. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni tar-regoli u l-proċeduri ta' oriġini preferenzjali u se testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħha għall-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles biex tkopri l-importazzjonijiet mill-pajjiżi sħab ewlenin u l-interessi tal-esportazzjoni tal-UE. Dan il-monitoraġġ se jintuża biex jidentifika oqsma fejn ir-regoli jistgħu jiġu mtejba u aġġornati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se ttejjeb l-għodod għad-dispożizzjoni tagħha biex ittejjeb il-kooperazzjoni mal-atturi kollha b'mod partikolari l-awtoritajiet u l-esportaturi tal-pajjiżi benefiċjarji, filwaqt li tqis kif l-aħjar tinforza l-impenji f'dan ir-rigward. L-għodod se jinkludu aċċess imtejjeb għall-informazzjoni, gwida dettaljata, assistenza teknika u taħriġ.

L-objettiv aħħari huwa li jitħarsu r-riżorsi proprji tal-UE billi jiġi żgurat li l-preferenzi jingħataw biss lil prodotti li huma ġenwinament intitolati għalihom filwaqt li jiġi ggarantit l-aċċess preferenzjali tal-prodotti tal-UE għas-swieq tal-pajjiżi sħab.

Azzjoni: 2021 'il quddiem

- **Mill-2021**, is-servizzi tal-Kummissjoni se jestendu l-monitoraġġ tagħhom tal-applikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri ta' oriġini preferenzjali għall-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles u se jkollhom l-għan li jsolvu mal-pajjiżi involuti l-kwistjonijiet li jirriżultaw minn dgħufijiet u nuqqasijiet fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli u l-proċeduri.
- Fil-każ ta' ksur ċar tar-regoli ta' oriġini fis-seħħ u l-proċeduri, il-Kummissjoni se tniedi diskussjonijiet mal-pajjiż involut u tuża l-mekkaniżmi previsti fil-kuntest tal-arranġament preferenzjali inkwistjoni biex terġa' tinkiseb il-konformità u jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE.

12) Analiżi u, fejn xieraq, titjib tas-sistemi internazzjonali ta' kooperazzjoni tal-Unjoni fi kwistjonijiet doganali ma' sħab kummerċjali importanti, b'mod partikolari ċ-Ċina

Il-Kummissjoni se tanalizza u, fejn xieraq, ittejjeb is-sistemi internazzjonali tal-Unjoni għall-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali ma' sħab kummerċjali importanti u f'fora multilaterali. It-titjib tal-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka maċ-Ċina hija l-ewwel prijorità minħabba d-daqs tal-kummerċ bilaterali tagħna u, b'mod partikolari, it-tkabbir esponenzjali tal-konsenji tal-kummerċ elettroniku.

Bħala t-tieni prijorità, il-Kummissjoni se tqis l-iżvilupp jew it-tiġid tal-kooperazzjoni ma' sħab kummerċjali oħra filwaqt li tqis il-kriterji bħall-perspettiva tal-adeżjoni fl-UE, il-prossimità ġeografika u l-viċinat, il-korsiji ta' tranżitu u l-interessi kummerċjali tal-UE. Din il-kooperazzjoni se tinkludi, fejn ikun xieraq, l-iżvilupp ta' inizzjattivi bħall-iffaċilitar tal-iskambju elettroniku ta' dokumenti doganali, l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti fil-bejgħ online, l-appoġġ tal-ġestjoni tar-riskju u s-sigurtà tal-katina tal-provvista (bħall-iskambji ta' informazzjoni bejn id-dwana, ir-rikonoxximent reċiproku tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati u l-kontrolli doganali). Il-ħidma tista' tinkludi rieżami tal-ftehimiet bilaterali eżistenti bil-ħsieb li jissaħħu l-elementi li jikkonċernaw l-infurzar.

Fl-aħħar nett, kooperazzjoni msaħħa doganali tibbenefika wkoll lill-pajjiżi sħab billi tiffaċilita mobilizzazzjoni domestika aħjar f'dawn il-pajjiżi.

Azzjoni: 2020 - 2021

- Iċ-Ċina: L-UE għandha taqbel dwar Qafas Strateġiku ġdid għall-Kooperazzjoni Doganali 2021–2024 maċ-Ċina qabel **tmiem l-2020**. B'mod parallel, il-Kummissjoni qiegħda tevalwa l-kooperazzjoni doganali attwali u l-ftehim ta' assistenza amministrattiva reċiproka maċ-Ċina sabiex tiddetermina jekk għandhiex tfitteż direttivi ta' negozjar biex tirrieżamina l-ftehim.
- Fi tmiem l-2020, il-Kummissjoni se tnedi analiżi komprensiva tas-sistema tal-Unjoni għall-kooperazzjoni internazzjonali u l-kooperazzjoni amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali, bil-ħsieb li tipproponi tiġib possibbli ta' natura/kamp ta' applikazzjoni ġenerali jew speċifiċi fl-**2021**.

d) Dwana li taħdem bħala entità waħda

13) Tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn id-dwana u l-awtoritajiet tas-sigurtà u tal-ġestjoni tal-fruntieri u sinerġiji bejn is-sistemi ta' informazzjoni tagħhom

Huwa essenzjali li jitnaqqsu d-diskrepanzi bejn is-sistemi ta' informazzjoni doganali u sistemi oħra ta' informazzjoni mfasla biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-UE u jtejbu s-sigurtà interna. L-għan se jkun li jiġu affrontati r-riskji għas-sigurtà u riskji oħra fil-fruntieri, għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha, billi jiġu appoġġjati metodi ġodda ta' kooperazzjoni u ssir kontroreferenza tad-*data* bl-għan li jiġu żgurati azzjonijiet koerenti u li jibqgħu validi fil-futur f'diversi awtoritajiet kompetenti u jiġu evitati d-duplikazzjonijiet tal-arranġamenti ta' rapportar.

Is-servizzi tal-Kummissjoni diġà qegħdin jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' qafas ta' interoperabbiltà għas-sistemi ta' informazzjoni għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni. Grupp ta' esperti tas-sigurtà, tal-ġestjoni tal-fruntieri u tad-dwana mill-Istati Membri, imlaqqa' mill-Kummissjoni, lesta valutazzjoni preliminari tal-interoperabbiltà ta' daww is-sistemi mas-sistemi doganali fil-qasam tas-sigurtà u tal-valutazzjoni tar-riskji għas-sigurtà. Din il-valutazzjoni tirrakkomanda b'mod partikolari konnessjoni tad-*data* tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u dik tal-Europol mas-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni Doganali (ICS2) li se tintuża fi tliet fażijiet bejn l-2021 u l-2024. Skont l-esperti, l-interoperabbiltà bejn dawn is-sistemi tista' ttejjeb il-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà. Wara r-rakkomandazzjoni tal-esperti, il-Kummissjoni se tikkuntratta studju tal-fattibbiltà biex tivvaluta l-opportunitajiet involuti fl-interoperabbiltà bejn dawn it-tliet sistemi u l-isfidi finanzjarji, operazzjonali, tekniċi u legali relatati, inklużi l-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* u tal-kunfidenzjalità. Jenħtieġ li jiġu esplorati wkoll is-sinerġiji bejn is-sistemi elettroniki doganali minbarra l-ICS2 u s-sistemi mħaddma mill-awtoritajiet tas-sigurtà u tal-ġestjoni tal-fruntieri.

Azzjoni: 2021 - 2024

- Tlestija tal-istudju dwar il-fattibbiltà tal-iżvilupp tal-interoperabbiltà bejn id-*data* tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u dik tal-Europol mas-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni doganali (ICS2) sa **tmiem l-2021** bil-ħsieb li titlesta kwalunkwe konnessjoni sa meta sseħħ l-implimentazzjoni finali tal-ICS2 (**2024**)

14) Prestazzjoni tal-Unjoni Doganali

Il-Kummissjoni qiegħda taħdem biex tifformalizza l-għodda tagħha għall-ġbir ta' informazzjoni annwali u trimestrali mill-Istati Membri dwar id-*data* ta' proċessi relatati mad-dwana, filwaqt li tevita d-duplikazzjoni mal-obbligi ta' rapportar f'oqsma ta' politika oħra rilevanti għad-dwana. Il-bażi volontarja għat-tħaddim attwali tal-ġbir tad-*data* tal-“Prestazzjoni tal-Unjoni Doganali” tikkawża ċerti nuqqasijiet għall-proċess u tqajjem ukoll mistoqsijiet dwar il-kwalità tad-*data*. Rapportar aktar komprensiv itejjeb il-valutazzjoni komparattiva u eventwalment l-approssimazzjoni tal-prattiki bejn ġurisdizzjonijiet differenti; dan jipprovi wkoll informazzjoni aggregata importanti li tikkontribwixxi għall-kapaċitajiet analitiċi għall-valutazzjonijiet tar-riskju. Qafas legali jista' jgħin biex il-prattiki fil-ġbir tad-*data* jiġu omoġenizzati fil-livell nazzjonali, u b'hekk dan isaħħaħ l-użu tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u jgħin fil-valutazzjoni tal-impatti tad-deċiżjonijiet dwar il-politiki doganali. Madankollu, il-ħtieġa ta' qafas legali u għażliet alternattivi possibbli l-ewwel iridu jitqiesu bir-reqqa.

Azzjoni: 2021

- Evalwazzjoni dwar jekk l-Unjoni Doganali ġietx imfixkla min-nuqqas ta' bażi ġuridika speċifika għal rapportar perjodiku dwar il-Prestazzjoni tal-Unjoni Doganali li jrid jiġi indirizzat bħala parti mill-evalwazzjoni interim tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni sa **tmiem l-2021**

15) Stati Membri mġhamra aħjar b'tagħmir modern u affidabbli għall-kontrolli doganali

Il-Kummissjoni pproponiet strument finanzjarju²⁰ li jippermetti x-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament ta' tagħmir rilevanti, mill-aktar avvanzat u affidabbli għall-kontrolli doganali (bħar-raġġi X, skeners, tagħmir li jinżamm fl-idejn u r-rikonossiment awtomatizzat tal-pjanċi tal-vetturi u tagħmir tal-laboratorji) fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss li jenħtieġ li jiġi adottat sa tmiem l-2020.

Id-disponibbiltà ta' tagħmir modern u affidabbli għall-kontrolli doganali tgħin biex jiġu indirizzati l-punti dgħajfa tad-dħul/tal-ħruġ tal-merkanzija fit-territorju doganali li huma ta' ħsara għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji, tas-sikurezza u tas-sigurtà tal-UE u biex jiġu żgurati livelli ekwivalenti ta' kontrolli doganali fil-futur. L-istrument propost huwa tweġiba għas-sejħiet frekwenti minn ħafna Stati Membri għal appoġġ finanzjarju għax-xiri ta' tagħmir bħal dan. Għalhekk huwa essenzjali li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu mill-aktar fis possibbli mal-proposta tal-Kummissjoni biex jinħoloq strument għall-finanzjament tat-tagħmir għall-kontrolli doganali sabiex jiġu żgurati riżultati ekwivalenti tal-kontrolli doganali fost l-Istati Membri.

Azzjoni: 2021

- Jekk l-istrument finanzjarju jiġi adottat, il-Kummissjoni u l-Istati Membri, **mill-2021**, se jużaw il-programm biex jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' riżultati ekwivalenti tal-kontrolli doganali.

²⁰ COM(2018) 474 final, 12.6.2018

16) Użu u approfondiment tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fl-ambitu tal-Programm doganali (QFP 2021-2027)

Fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss li jenħtieġ li jiġi adottat sa mhux aktar tard minn tmiem l-2020, l-objettiv²¹ tal-Programm doganali huwa li jappoġġja l-funzjonament u l-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali, anke sabiex jissaħħa is-suq intern. Dan għandu l-għan li jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi parteċipanti, l-awtoritajiet doganali tagħhom u l-uffiċjali tagħhom. Huwa vitali li din il-kooperazzjoni titejjeb u titkattar.

F'dawn l-aħħar snin, l-Istati Membri wrew interess dejjem akbar fil-kooperazzjoni operazzjonali msaħħa bejn l-awtoritajiet doganali fuq bażi ġeografika jew tematika fil-forma ta' timijiet ta' esperti, waħda mill-għodod tal-programm. Jidher li hemm xewqa u ħtieġa reali ta' estensjoni ta' kooperazzjoni operazzjonali bħal din għal aktar oqsma bħall-kummerċ elettroniku u għal aktar pajjiżi parteċipanti.

Hemm ukoll ħtieġa li jissaħħa il-profil tal-professjoni doganali sabiex jiġu attirati l-aħjar nies biex jaħdmu għad-dwana u għal approċċi komuni għat-taħriġ inkluż biex jitnaqqsu l-ispejjeż. L-ideat li għandhom jitqiesu f'dan ir-rigward jistgħu jinkludu programm ta' "mobilità" li jippermetti lill-uffiċjali doganali jaħdmu fi kwalunkwe post fl-UE b'rikonossiment reċiproku tal-kwalifiki u l-iżvilupp ta' taħriġ komuni u ta' bini tal-kapaċitajiet umani madwar l-UE kollha għall-uffiċjali doganali, f'kooperazzjoni fejn dan huwa ċertifikat ma' aġenziji oħra bħas-CEPOL²².

Azzjonijiet taħt il-programm Doganali jistgħu jkunu supplimentati minn appoġġ tekniku lill-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri skont l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku 2021-2027.

Azzjoni: 2021 'il quddiem

- **Mill-2021 (sal-2028)** il-Kummissjoni se tħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu użu akbar mill-kooperazzjoni operazzjonali u mill-faċilitajiet għall-bini ta' kapaċitajiet umani fl-ambitu tal-għodod tal-Programm doganali f'kemm jista' jkun oqsma.

17) Ġestjoni aktar intelliġenti tal-unjoni doganali

F'dawn l-aħħar xhur, b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni adottat diversi azzjonijiet leġiżlattivi u ħarġet linji gwida li jinterpretaw il-leġiżlazzjoni biex jgħinu lill-awtoritajiet doganali u lin-negozjanti matul il-kriżi. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni li jmiss tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni se jkollha l-għan li tistabilixxi jekk il-Kodiċi huwiex flessibbli biżżejjed biex jittratta l-ġestjoni tal-formalitajiet doganali matul żminijiet ta' kriżi. Madankollu, kien hemm suġġerimenti li hemm il-ħtieġa ta' soluzzjonijiet li jmorru lil hinn mill-Kodiċi. Barra minn hekk, wara l-eżerċizzju ta' previżjoni, hemm ukoll xewqa li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar is-suġġett relatat, li jiġi żgurat li l-Unjoni Doganali tkun ippreparata aħjar għall-futur.

Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi stabbilit grupp ta' riflessjoni tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati fl-ambitu tal-programm doganali biex jitqies kif l-Unjoni Doganali ssir aktar intelliġenti, aktar flessibbli, aktar avanzata teknoloġikament u aktar reżistenti għall-

²¹ COM(2018) 442 final, 8.6.2018

²² Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi

kriżijiet. L-ideat li għandhom jitqiesu jistgħu jinkludu modi kif jistgħu jiġu previsti u antiċipati aħjar il-problemi, il-mekkaniżmi ta' reazzjoni rapida, it-tagħlimiet li għandhom jittieħdu mill-kriżi tal-COVID-19 u l-esplorazzjoni ta' kif l-aħjar jiġi żgurat li l-Unjoni Doganali tilħaq l-oġettivi tagħha.

Barra minn hekk, jista' jkun il-waqt li jitqies qafas aktar operazzjonali għall-attivitajiet doganali. Filwaqt li jitqiesu l-limiti imposti mit-Trattat dwar l-għoti ta' ċerti setgħat lil aġenzija, tista' tiġi esplorata struttura ta' aġenzija. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni, meta jkun il-waqt, se tnedi valutazzjoni tal-impatt biex tiddetermina jekk aġenzija doganali tal-UE (jew waħda ġdida jew parti minn aġenzija eżistenti) bis-setgħat xierqa tistax tippermetti rispons doganali operazzjonali aħjar u aktar koordinat għall-kriżijiet u tippermetti l-monitoraġġ tat-tendenzi u x-xejriet u l-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet.

Barra minn hekk, it-tir tal-valutazzjoni tal-impatt huwa li tistabbilixxi jekk aġenzija tistax tippermetti l-ġestjoni, il-ħżin, żvilupp akbar u kondiviżjoni effettiva tal-analitika tad-*data* għall-assistenza tal-Istati Membri kollha fl-attivitajiet tagħhom tal-ġestjoni tar-riskju u ta' kontra l-frodi u tista' tgħin ukoll biex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' approċċ effettiv u uniformi għall-ġestjoni tar-riskju permezz tat-territorju doganali tal-UE. Il-valutazzjoni tiddetermina wkoll jekk il-ġestjoni, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi elettroniċi doganali jittejbux jekk dawn jiġu mmaniġġjati minn aġenzija tal-UE, u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż li jiffaċċjaw l-Istati Membri jekk dawn jiffinanzjaw dawn is-sistemi fuq bażi individwali. Il-Kummissjoni tivvaluta wkoll jekk aġenzija tistax tipprovdi struttura formali għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-kontrolli doganali u għat-timijiet ta' esperti transnazzjonali ta' reazzjoni rapida meta jkun hemm il-ħtieġa, tgħin biex tippromwovi l-professjoni doganali u tnaqqas l-ispejjeż tat-taħriġ għall-Istati Membri, permezz ta' programmi ta' mobbiltà u taħriġ komuni. Fid-deċiżjoni dwar jekk aġenzija hijiex it-triq 'il quddiem, jeħtieġ li jitqiesu bir-reqqa s-sinerġiji u l-potenzjal li dawn jikkoinċidu ma' aġenziji eżistenti tal-infurzar tal-liġi.

Azzjoni: 2021 - 2023

- Grupp ta' riflessjoni tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati dwar il-previżjoni/ġestjoni tal-kriżijiet – tnedija fil-bidu tal-**2021**
- Fl-2022, il-Kummissjoni se tnedi valutazzjoni tal-impatt, b'eżitu sal-**2023**, dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' approċċ ta' aġenzija li jkopri għadd ta' oqsma ta' kooperazzjoni doganali, sabiex tiddeċiedi jekk tipproponix aġenzija bħal din fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss

V. Konklużjoni

Dan il-Pjan ta' Azzjoni stabbilixxa serje ambizzjuża ta' azzjonijiet immirati li jiżguraw Unjoni Doganali aktar koerenti u b'saħħitha li twieġeb għal erba' oqsma ta' intervent: il-ġestjoni tar-riskju, il-kummerċ elettroniku, il-konformità, u l-Unjoni Doganali li taġixxi bħala entità waħda. Il-Kummissjoni fasslet dan il-pjan ta' ħidma għall-perjodu sal-2025 wara li kkunsidrat il-fehmiet tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati fid-diversi formati ta' konsultazzjoni deskritti fil-Komunikazzjoni. Dan huwa konformi mal-viżjoni fit-tul tal-Unjoni Doganali stabbilita fl-eżerċizzju ta' previżjoni u jirrikonoxxi l-impatt li l-kriżi tal-COVID-19 kellha fuq l-awtoritajiet doganali u l-operaturi ekonomiċi.

Enfasi ċentrali tal-attività se tkun iż-żieda ta' saff tal-UE ta' kapaċitajiet analitiċi tad-*data* biex jiġu appoġġjati l-Istati Membri kollha fl-analiżi tar-riskju, u b'estensjoni, fl-effettività tal-kontroll. L-għan

huwa li jiġu appoġġjati u msaħħa l-aspetti differenti tar-riskju u tal-kontroll sabiex tissaħħaħ l-istruttura kollha, jitnaqqsu l-ispejjeż għall-Istati Membri u jiġi ffaċilitat aktar il-kummerċ leġittimu.

Huwa essenzjali li jiġi ssottolinjat li d-daqs u l-fattibbiltà ta' xi wħud, għalkemm mhux kollha, tal-azzjonijiet proposti se jiġu ddeterminati mill-eżitu finali tan-negożjati għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, kemm mill-perspettiva tal-baġit amministrattiv kif ukoll dak operazzjonali. Huwa wkoll essenzjali li jiġi nnotat li l-Istati Membri se jkollhom rwol sinifikanti u se jkollhom jagħmlu disponibbli r-riżorsi meħtieġa fil-livell nazzjonali. Jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati, mhux se jkun possibbli li jiġu żviluppati dawn l-azzjonijiet kollha.

Il-Kummissjoni tixtieq tkompli tiddiskuti mal-Istati Membri dwar modi kif l-Unjoni Doganali ssir aktar intelliġenti, aktar flessibbli u aktar reżistenti għall-kriżijiet. Fuq perjodu medju ta' żmien, il-Kummissjoni tixtieq tesplora l-idea li titwaqqaf aġenzija doganali biex tagħmel il-ġestjoni tal-Unjoni Doganali aktar kosteffettiva u effiċjenti, telimina d-duplikazzjonijiet tal-ispejjeż bejn l-Istati Membri u tiżgura reazzjonijiet aktar effettivi u rapidi għall-kriżijiet.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jappoġġjaw dan il-Pjan ta' Azzjoni.

APPENDIĊI: lista ta' azzjonijiet u skedi ta' żmien

2020

1. Kapaċitajiet analitiċi konġunti: analiżi tad-*data* biex jiġu estratti t-tendenzi, bl-użu tas-Sorveljanza tal-UE: kurrenti
2. Ambjent ta' Tieqa Unika għad-Dwana - Proposta leġislattiva: Q4 2020
3. Rieżami tar-Regolament 515/97 dwar il-frodi doganali: Q4 2020
4. Iċ-Ċina: Kooperazzjoni internazzjonali: Qafas strateġiku għdid maċ-Ċina: tmiem l-2020
5. Tnedija ta' analiżi tas-sistema ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-Unjoni fi kwistjonijiet doganali: tmiem l-2020

2021

1. Kapaċitajiet analitiċi konġunti: użu tad-*data* tas-Sorveljanza bħala appoġġ għall-implimentazzjoni korretta tat-tariffa tal-Unjoni
2. Strateġija tal-ġestjoni tar-riskju rieżaminata: Q2 2021
3. Valutazzjoni tal-ħtieġa li jiġi aġġornat ir-Regolament 515/97 biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-frodi doganali: Q1 2021
4. Programm għall-AEO: proposta leġislattiva possibbli għal obbligi ta' monitoraġġ aktar preċiżi Q2/3 2021
5. Programm għall-AEO: Linji gwida aġġornati: Q2/3 2021
6. Evalwazzjoni interim tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni: Q4 2021
7. Regolament dwar is-sorveljanza tas-suq – atti ta' implimentazzjoni għal aspetti doganali: mill-2021
8. Arranġamenti kummerċjali preferenzjali – tisħiħ fil-monitoraġġ: mill-2021 'il quddiem
9. Titjib possibbli fil-kooperazzjoni internazzjonali u fl-assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali, abbażi tar-riżultati tal-analiżi: għandu jibda fl-2021
10. Prestazzjoni tal-Unjoni Doganali – evalwazzjoni ta' problemi ta' ebda bażi ġuridika: tmiem l-2021
11. Sistema komuni ta' sanzjonijiet – linji gwida: Q4 2021
12. Tagħmir ta' kontrolli doganali: il-ħidma fuq it-tagħmir tal-finanzjament għandha tibda mill-2021
13. Programm doganali għdid: kooperazzjoni msaħħa għandha tibda mill-2021
14. Tnedija ta' analiżi tal-impatt tal-kummerċ elettroniku fuq il-ġbir/kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni tad-dazji doganali
15. Studju dwar l-interoperabbiltà bejn is-sistemi doganali u dawk tal-fruntieri: tmiem l-2021
16. Grupp ta' riflessjoni dwar il-previżjoni/ġestjoni tal-kriżijiet – tnedija fil-bidu tal-2021

2022

1. Aċċess doganali għaċ-ċentru tad-*data* tat-taxxi tal-Eurofisc
2. Sistema komuni ta' sanzjonijiet – riflessjoni dwar il-leġislazzjoni

2023

1. Kapaċitajiet analitiċi konġunti: bidu tal-kombinazzjoni tad-*data* mis-Sorveljanza mad-*data* minn sistemi elettroniċi ġodda u eżistenti oħra; Analitika tal-ICS2 dwar id-*data* ta' qabel it-tagħbija u ta' qabel il-wasla għat-trasportaturi postali, express u tal-merkanzija bl-ajru.
2. Obbligi doganali għall-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku – proposta għar-rapportar: Q1 2023
3. Aġenzija doganali - tlestija tal-valutazzjoni tal-impatt

2024

1. Kapaċitajiet analitiċi konġunti: Analitika tal-ICS2 dwar id-*data* ta' qabel it-tagħbija u ta' qabel il-wasla għat-trasportaturi marittimi, bit-triq u bl-ajru u għall-fornituri loġistiċi
2. Kooperazzjoni u interoperabbiltà mal-awtoritajiet tas-sigurtà u tal-ġestjoni tal-fruntieri – skeda ta' żmien għall-konnessjonijiet (f'konformità mal-użu finali tal-ICS2)
3. Aċċess doganali għad-*data* dwar il-pagamenti tal-VAT

2025

1. Interfaċċja ġdida bejn is-sistema ta' Sorveljanza tas-Suq (ICSMS) u l-ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-dwana.